



EULisses

<http://ec.europa.eu/eulisses>

Il-gwida għas-sigurtà soċjali fl-Ewropa



Hu aktar mill-Ewropa
b'inqas uġiġħ ta' ras



Il-mistoqsijiet ta' Bertu



Xena mill-ħajja

Bertu huwa Inġliż ta' 58 sena li kien impjegat f'numru ta' pajjiżi tul ħajtu. Qed jippjana li jirtira sentejn oħra meta jagħlaq is-60. Qed jinkwieta li, matul is-snin, ħallas il-kontribuzzjonijiet fi tliet pajjiżi differenti u li minħabba f'hekk ma jeħux il-pensjoni tax-xjuħija sħiħa. Bertu jidħol fil-EULisses u jfttex għall-informazzjoni dwar 'benefiċċji u pensjonijiet tax-xjuħija', l-ewwel bħala "ħaddiem" u mbagħad bħala "applikant għall-pensjoni". EULisses jiggwidah lejn ir-risposti li jrid:

L-ewwel mistoqsija ta' Bertu

"Se nitlef il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni li ħallast meta kont naħdem fir-Renju Unit?"

It-tweġiba ta' EULisses

M'inti se titlef xejn mill-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tiegħek jekk għext, ħdimt u ħallast il-kontribuzzjonijiet f'aktar minn pajjiż wieħed.

It-tieni mistoqsija ta' Bertu

"Meta għandi napplika għall-pensjoni tax-xjuħija tiegħi jekk inkun ħdimt f'aktar minn pajjiż Ewropew wieħed?"

It-tweġiba ta' EULisses

Kull pajjiż għandu r-regoli rispettivi tiegħu dwar kif, meta u jekk tkunx tikkwalifika għal xi pensjoni. Wieħed mill-fatturi determinanti ewlenin huwa l-età tal-irtirar. Fatturi oħra jistgħu jinkludu kemm ilek tħallas il-kontribuzzjonijiet u kemm ħallast, kemm domt tgħix f'pajjiż, kemm taqla' u s-sitwazzjoni tal-familja tiegħek [...]. Meta tapplika eżattament ivarja minn pajjiż għal ieħor. Nagħtuk parir tikkuntattja l-istituzzjoni fejn ħallast il-kontribuzzjonijiet l-aħħar jew l-istituzzjoni fil-pajjiż fejn tgħix, ħafna xhur qabel ma tilħaq l-età tal-pensjoni.

Sodisfatt b'dawn it-tweġibiet, Bertu jkompli billi jagħmel tiftixa ġdida u jagħżel "membru tal-familja" biex jara jekk hemmx xi benefiċċji oħra għal martu u wliedu.

KE-30-08-584-MT-D



© Il-Komunitajiet Ewropej, 2008
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.
Printed in Belgium
STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR
copyrights 123RF



Il-Kummissjoni Ewropea

Il-gwida għas-sigurtà soċjali fl-Ewropa

Qed taħseb dwar li tgħix jew diġà xi darba għext u/jew ħdimt f'xi pajjiż barrani? Il-portal EULisses jeżisti biex jgħinek tifhem kif inti protett meta tmur tgħix jew taħdem f'pajjiż ieħor jew sempliċiment toqgħod hemm temporanjament.

Bis-saħħa tal-liġi tal-Komunità Ewropea (KE) ma titlifix id-drittijiet tas-sigurtà soċjali tiegħek. Il-liġi tal-KE tiżgura li, fost il-pajjiżi, is-sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali, li huma verament differenti minn xulxin, jiġu kkoordinati.

Fi ftit kliem, jekk użajt id-dritt li tmur minn pajjiż għal ieħor ma tistax titqiegħed f'pożizzjoni agħar minn persuna li dejjem ħadmet u għext f'pajjiż wieħed.

Ir-regoli tal-KE jkopru d-drittijiet f'bosta setturi tas-sigurtà soċjali:

- **il-pensjonijiet** *issa onlajn!*
- benefiċċji marbutin mal-familja
- il-kura tas-saħħa
- il-qgħad
- korrimenti fuq ix-xogħol u mard ikkawżat mix-xogħol
- għotjiet marbutin ma' mewt.

Il-portal EULisses jaqdi liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera, inklużi r-refuġjati, persuni bla stat, ċittadini ta' pajjiżi oħra bi dritt tal-moviment ħieles, il-membri tal-familja tagħhom u s-superstiti.

Il-pensjonijiet EULisses *issa onlajn!*

Il-gwida għall-pensjonijiet hija l-ewwel parti minn portal ġdid tal-EULisses u twieġeb ħafna mill-mistoqsijiet li jista' jkollok.

Sew jekk int irtirat, dalwaqt tirtira, qed tippjana li tirtira, jew sempliċiment interessat fil-mod kif taħdem is-sistema tal-pensjonijiet - EULisses għandha tweġiba għalik.

Il-mistoqsijiet tiegħek jistgħu jvarjaw minn drittijiet u kontribuzzjonijiet tal-pensjoni sal-kont personali tal-pensjoni tiegħek, l-applikazzjonijiet tal-pensjoni, kalkolazzjoni, pagamenti u aktar.

Meta żżur il-portal EULisses, tista' tftitex l-informazzjoni skont is-sitwazzjoni partikolari tiegħek. Imbagħad EULisses jispjegalek dwar id-drittijiet u l-alkolazzjonijiet, u jiggwidak lejn l-istituzzjoni(jiet) rilevanti fi kwalunkwe pajjiż responsabbli għall-kont tal-pensjoni personali tiegħek. Jurik is-servizzi onlajn kollha provduti mill-istituzzjonijiet nazzjonali ta' dak il-pajjiż, inklużi s-servizzi ta' tbassir tal-pensjoni u t-taqsimiet tal-konsulenti.

Il-pensjoni tiegħek fl-Ewropa

Kull ma tixtieq issir taf dwar il-pensjoni(jiet) tiegħek fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

Glossarju

Ivverifika t-tifsir ta' termini li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà soċjali

L-istituzzjonijiet a-ż

Qalleb fost il-lista ta' istituzzjonijiet f'kull pajjiż biex issib dik li tista' tgħinek rigward il-pensjoni

Links

Skopri portali Web oħra u siti nazzjonali dwar kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u pensjonijiet



Tiftix malajr għall-informazzjoni Drop-down menus jippermettulek issib malajr l-informazzjoni għall-ħtiġijiet speċifiċi tiegħek

Regolamenti tal-KE 1408/71 u 574/72 Links għal-liġi tal-KE dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali

Faq Sib it-tweġibiet għad-domandi l-aktar frekwenti dwar il-pensjonijiet

Sib l-istituzzjoni tiegħek Fittex l-istituzzjoni rilevanti fi kwalunkwe pajjiż biex issib aktar tagħrif dwar il-kont tal-pensjoni personali tiegħek — fil-passat, il-preżent jew il-futur